Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2095(INI)

17.10.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar it-tfassil ta' strateġija ġdida tal-UE kontra l-faqar
(2025/2095(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jippreżenta lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni -1 (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni -1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 9, 151, 153 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata fl-1979,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), adottata fl-2011,

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità[1a],
	[1a] ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/43/oj.

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[1a],
	[1a] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/54/oj.

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar[1a],
	[1a] ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/970/oj.

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika[1a],
	[1a] ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal[1a],
	[1a] ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1238/oj.

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020–2025" (COM(2020)0565),

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025" (COM(2020)0698),

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri[1a]***,***

[1a] ***ĠU C 331, 17.8.2021, p. 5.***

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa*[1a]*,
	[1a] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 2.

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025)0097),

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 28a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-organizzazzjoni Make Mothers Matter li l-pubblikazzjoni tiegħu hija prevista f'Settembru 2025 bit-titolu "Mothers' Poverty in the EU" (Il-Faqar fost l-Ommijiet fl-UE),

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi n-nisa għadhom jintlaqtu

b'mod sproporzjonat aktar mill-irġiel kemm mill-faqar assolut kif ukoll minn dak relattiv, kif ukoll mir-riskju ta' esklużjoni soċjali, minħabba inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri; billi l-faqar fost in-nisa, fid-diversità kollha tiegħu, irid jinftiehem bħala fenomenu kumpless u multidimensjonali li jinkludi mhux biss l-aspetti soċjali, politiċi u kulturali iżda wkoll l-introjtu, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-aċċess għall-edukazzjoni u għas-servizzi soċjali, u ma jistax jinqered permezz tal-impjieg biss iżda jirrikjedi approċċ komprensiv u inklużiv ibbażat kemm fuq il-prevenzjoni kif ukoll fuq it-tnaqqis tal-faqar; billi fl-2024, fil-pajjiżi kollha tal-UE minbarra tnejn, ir-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa kienet ogħla għan-nisa (6,6 %) milli għall-irġiel (6,2 %)[1a] filwaqt li r-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kienet ogħla għan-nisa (21,9 %) milli għall-irġiel (20 %) fil-pajjiżi kollha tal-UE[1b]; billi fl-istess sena, 23,7 % tan-nisa u 22,7 % tal-irġiel fl-UE qiesu lilhom infushom bħala foqra[1c], billi 21,6 % tan-nisa ta' 65 sena u aktar kienu fir-riskju tal-faqar, meta mqabbel ma' madwar 16,5 % tal-irġiel fl-istess grupp tal-età[1d];

[1a] ***Eurostat, Data Browser, "Severe material and social deprivation rate by age and sex" (Rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdsd11__custom_17284202/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=a0f88fa5-9110-4302-a67d-d58f889214d0&&page=time:2024.***

[1b] ***Eurostat, Data Browser, "Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex" (Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps01n__custom_17280682/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=1136c1ef-3d9f-4fda-82fb-***

cf7423eac65e&&page=time:2024.

[1c] ***Eurostat, Data Browser, "Subjective poverty by age and sex" (Il-faqar suġġettiv skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_sbjp01__custom_17284289/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=7d0decb7-866a-4494-b901-58a61bebd575&&page=time:2024.***

[1d] ***Eurostat, Data Browser, "Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex" (Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps01n__custom_17280682/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=1136c1ef-3d9f-4fda-82fb-cf7423eac65e&&page=time:2024.***

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-faqar fost in-nisa huwa kemm kawża kif ukoll konsegwenza ta' diskriminazzjoni intersezzjonali li jesperjenzaw in-nisa, b'mod partikolari dawk li jiffaċċjaw forom speċifiċi ta' emarġinazzjoni u diskriminazzjoni strutturali abbażi tal-ġeneru, tar-razza, tal-etniċità, tad-diżabbiltà, tal-età, tal-istatus ta' migrazzjoni, tal-orjentazzjoni sesswali, tal-identità tal-ġeneru, tar-reliġjon jew tat-twemmin, kif ukoll in-nisa bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat u speċjalment in-nisa trans u intersesswali; billi l-ommijiet waħedhom u n-nisa li jgħixu fir-reġjuni remoti, insulari u ultraperiferiċi tal-UE jiffaċċjaw sfidi speċifiċi u riskju akbar ta' faqar; billi nuqqas ta' rikonoxximent legali ta' relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess u l-identità tal-ġeneru fl-Istati Membri jikkontribwixxi għall-esklużjoni tal-individwi LGBTIQ+ mis-servizzi soċjali

essenzjali u mill-benefiċċji relatati mal-familja, u b'hekk jissaħħu ċ-ċikli tal-faqar u tal-emarġinazzjoni; billi n-nisa Rom jiffaċċjaw diskriminazzjoni partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u x-xogħol deċenti; billi fl-2022, 28 % biss tan-nisa Rom bejn l-età ta' 20 u 64 sena kellhom impjieg, meta mqabbel mat-58 % tal-irġiel Rom fl-istess kategorija tal-età[1a]; billi n-nisa li jilbsu ħwejjeġ reliġjużi b'mod viżibbli sikwit jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-impjieg tagħhom, u skont l-aħħar rapport tal-FRA, dawn jinkludu 45 % tan-nisa Musulmani[1b]; billi, in-nisa migranti, inkluż ir-rifuġjati u l-applikanti għall-asil jesperjenzaw bosta forom ta' diskriminazzjoni biex isibu impjieg formali u akkomodazzjoni; billi n-nisa migranti għandhom rati ta' faqar u ta' esklużjoni ogħla minħabba l-ostakli li jsibu fir-rigward tal-aċċess għal impjieg, tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-indukrar tat-tfal[1c];

[1a] ***L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, "Roma in 10 European countries" (Ir-Rom f'10 pajjiżi Ewropej), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2022-roma-survey-2021-main-results2_en.pdf.***

[1b] ***L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, "Being Muslim in the EU" (Il-Ħajja ta' Persuna Musulmana fl-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2024-being-muslim-in-the-eu_en.pdf.***

[1c] ***Eurostat, Statistics Explained, "Migrant integration statistics – at risk of poverty and social exclusion" (Statistika dwar l-integrazzjoni tal-migranti – f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali), Data estratta fis-26 ta' Settembru 2024, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-***

	explained/index.php?title=Migrant_integration_statistics_-_at_risk_of_poverty_and_social_exclusion.

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Ac. billi hemm korrelazzjoni qawwija bejn il-faqar fost in-nisa u l-faqar fost it-tfal; billi fl-2024, fl-UE kollha, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (24,2 % tal-persuni taħt it-18-il sena)[1a] u r-rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa (7,9 % tal-persuni taħt it-18-il sena) [1b] kienu l-ogħla fost it-tfal; billi fl-2024, 26,1 % tal-persuni taħt it-18-il sena fl-UE qiesu lilhom infushom bħala foqra[1c]; billi wieħed minn kull erbat itfal fl-UE jinsab f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali[1d]; billi fl-2024, 8 % tat-tfal fl-UE taħt l-età ta' 17-il sena kienu jgħixu f'unitajiet domestiċi mingħajr persuni f'impjieg[1e]; billi l-għoti tas-setgħa ekonomika lil ommijiet għandu effett pożittiv dirett u dejjiemi fuq il-benesseri tat-tfal u huwa essenzjali biex jitkissru ċ-ċikli interġenerazzjonali tal-faqar u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għat-tfal;**
	[1a] ***Eurostat, Data Browser, "Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex" (Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/bookmark/1136c1ef-3d9f-4fda-82fb-cf7423eac65e?lang=en&&page=time:2024.***
	[1b] ***Eurostat, Data Browser, "Severe material and social deprivation rate by age and sex" (Rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa skont l-età u s-sess),***

https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdsd11__custom_17284216/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=a3bbdd78-6da8-43f5-8b3b-b2eb4a3ddadc&&page=time:2024.

[1c] ***Eurostat, Data Browser, "Subjective poverty by age and sex" (Il-faqar suġġettiv skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_sbjp01__custom_17284300/bookmark/table?lang=en&&bookmarkId=a2e1c6ea-e1ca-43ca-a78c-5bb0645fdd77&&page=time:2024.***

[1d] ***Eurostat, Data Browser, "Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex" (Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps01n__custom_17501965/default/table?lang=en.***

[1e] ***Eurostat, Statistics Explained, "Household composition statistics" (Statistika dwar il-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi), https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Household_composition_statistics#Data_sources.***

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-familji b'ġenitur wieħed jinsabu f'riskju akbar tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u għandhom probabbiltà akbar li l-faqar ikompli jippersisti għal bosta ġenerazzjonijiet; billi madwar wieħed minn kull sitt itfal fl-UE (17 %) [1a]jitrabbew f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed; billi l-biċċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed jitmexxew min-nisa[1b]; billi l-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, b'mod partikolari dawk immexxija min-nisa,

jiffaċċjaw riskju sproporzjonat ta' faqar (aktar minn 32 %), meta mqabbel ma' 11,2 % biss fost il-familji b'żewġ ġenituri[1c]; billi l-faqar jibqa' wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għas-separazzjoni tal-familji fl-UE; billi kważi 20 miljun tifel u tifla, wild minn kull erbgħa, jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE[1d], u billi t-tendenza attwali mhijiex se tissodisfa l-mira li n-numru ta' tfal fil-faqar jitnaqqas b'mill-anqas 5 miljuni sal-2030[1e]; billi l-faqar fost it-tfal huwa wieħed mill-aktar forom urġenti u diffiċli ta' faqar biex jinqered, b'konsegwenzi dejjiema għall-iżvilupp u l-opportunitajiet tal-ħajja tat-tfal u l-futur tas-soċjetajiet tagħna; billi qed jiġu osservati disparitajiet sinifikanti fost it-tfal li ġejjin minn sfond etniku jew ta' migrazzjoni u fost it-tfal b'diżabbiltà[1f]; billi t-tfal ikomplu jżidu r-riskju ta' faqar għall-adulti waħedhom, riskju li jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, li ħafna drabi jkunu huma responsabbli għall-indukrar tat-tfal u l-probabbiltà li dawn ma jkunux jaħdmu hija kważi d-doppju minn tal-missirijiet waħedhom, filwaqt li aktar minn terz tal-ommijiet waħedhom li jaħdmu huma impjegati biss part-time[1g]; billi l-għoti tas-setgħa biex l-ommijiet jaqilgħu aktar u jiksbu stabbiltà finanzjarja huwa mezz b'saħħtu u effettiv biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal; billi xi muniċipalitajiet fl-Istati Membri rrikonoxxew l-isfidi speċjali li jiffaċċjaw l-ommijiet waħedhom u introduċew politiki u miżuri ta' appoġġ immirati;

[1a] ***Eurostat "Young people – family and society" (Iż-żgħażagħ – il-familja u s-soċjetà); https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Young_people_-_family_and_society.***

[1b] ***Eurostat, Statistics Explained, "Household composition statistics" (Statistika dwar il-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi), aċċessat fit-***

23 ta' Ġunju 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Household_composition_statistics#Data_sources.

[1c] *Eurostat, At-risk-of-poverty rate by poverty threshold and household type (Rata tar-riskju tal-faqar skont il-limitu tal-faqar u t-tip ta' unità domestika), https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_li03/default/table?lang=en.*

[1d] *Eurostat, Statistics Explained, "Children at risk of poverty or social exclusion" (Tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali), https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Children_at_risk_of_poverty_or_social_exclusion.*

[1e] *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102),*

[1f] *UNICEF, "Child Poverty Policy Brief" (Nota ta' Politika dwar il-Faqar fost it-Tfal), 2024, https://www.unicef.org/eu/documents/policy-brief-child-poverty.*

[1g] *Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), Beijing +25: il-ħames rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE, https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/20190441_mh0119039enn_pdf.pdf.*

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi hemm korrelazzjoni qawwija bejn il-faqar u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u billi l-faqar jiggrava l-impatt tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment fuq in-nisa f'sitwazzjonijiet emarġinati,

bħall-individwi LGBTIQ+; billi n-nisa li jgħixu fil-faqar jiffaċċjaw riskju ogħla li jesperjenzaw il-vjolenza, inkluż vjolenza minn sieħeb intimu u vjolenza domestika, minħabba fatturi bħal dipendenza finanzjarja, nuqqas ta' sigurtà fl-akkomodazzjoni u aċċess imnaqqas għas-servizzi ta' appoġġ[1a]; billi fl-EU-27, 30,7 % tan-nisa jesperjenzaw vjolenza fiżika jew theddid u/jew vjolenza sesswali minn xi awtur matul ħajjithom[1b]; billi l-faqar ipoġġi lin-nisa f'riskju akbar ta' traffikar u sfruttament sesswali;

[1a] ***EIGE, https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/financial-independence-and-gender-equality.pdf.***

[1b] ***EIGE, "Gender-based violence survey" (Stħarriġ dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru), https://eige.europa.eu/newsroom/eu-gender-based-violence-survey?language_content_entity=en.***

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Af (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Af. billi n-nisa li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar sikwit ikunu inviżibbli fl-istatistika u jiffaċċjaw perkorsi abbażi tal-ġeneru li jwasslu għall-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; billi d-definizzjonijiet normattivi tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar sikwit jonqsu milli jidentifikaw ir-realtajiet li jiffaċċjaw in-nisa, li huma differenti minn dawk tal-irġiel peress li hemm anqas probabbiltà li n-nisa jorqdu barra u hemm aktar probabbiltà li dawn ikunu jiddependu fuq arranġamenti ta' akkomodazzjoni informali jew temporanji, u b'hekk

	jirriskjaw li jisfaw vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u li jitilfu l-kustodja tat-tfal tagħhom; billi l-individwi LGBTIQ+, speċjalment il-persuni transġeneru u dawk li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, jiffaċċjaw riskji akbar ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali minħabba diskriminazzjoni strutturali fl-impjieg, fl-akkomodazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-aċċess għas-sistemi tal-protezzjoni soċjali;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ag (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ag. billi x-xogħol tal-kura mhux imħallas u mhux imħallas biżżejjed, li jitwettaq b'mod sproporzjonat min-nisa, jibqa' xprunatur kbir tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fl-introjtu, fil-progressjoni tal-karriera u fil-pensjonijiet, u jirriżulta fi qligħ tul il-ħajja aktar baxx u differenza sinifikanti bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet; billi n-nisa għandhom tendenza li jgħixu iżjed fit-tul u huma aktar probabbli li jkunu jeħtieġu kura fit-tul (LTC) hekk kif jikbru fl-età[1a]; billi l-maġġoranza tal-ħaddiema tal-LTC huma wkoll nisa, li ħafna minnhom huma migranti[1b]; billi fl-2021, il-pagi fis-settur tal-LTC u f'setturi oħra tas-servizzi soċjali kienu 21 % taħt il-paga medja[1c]; billi s-segregazzjoni orizzontali abbażi tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal inugwaljanzi persistenti fil-pagi;

[1a] ***Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDESA), "The growing need for long-term care" (Il-ħtieġa dejjem tikber għall-kura fit-tul), https://www.un.org/esa/socdev/ageing/documents/un-ageing_briefing-paper_Long-term-care.pdf.***

[1b] ***EIGE, "Gender inequalities in care and consequences for the labour market" (Inugwaljanzi bejn il-ġeneri fis-settur tal-kura u l-konsegwenzi għas-suq tax-xogħol), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/20204948_mh0220888enn_pdf.pdf.***

[1c] ***Eurofound, "Wages in long-term care and other social services 21 % below average" (Pagi fis-settur tal-kura fit-tul u f'servizzi soċjali oħra huma 21 % taħt il-medja), 2021, https://www.eurofound.europa.eu/en/resources/article/2021/wages-long-term-care-and-other-social-services-21-below-average.***

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ah (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ah. billi l-inattività ekonomika u l-qgħad iżidu b'mod sostanzjali r-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel; billi fl-2024, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi fl-UE kienet ta' 10,0 punti perċentwali, li jfisser li l-proporzjon tal-irġiel fl-età tax-xogħol li għandhom impjieg qabeż dak tan-nisa b'10,0 punti perċentwali[1a]; billi fost in-nisa Rom ir-rata ta' impjieg hija saħansitra aktar baxxa, jiġifieri 28 %[1b]; billi fl-2023, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE kienet ta' 12 %[1c], billi n-nisa huma rrappreżentati b'mod sproporzjonat fis-setturi b'impjiegi prekarji u b'pagi baxxi u f'forom flessibbli ta' xogħol, b'kuntratti atipiċi u flessibbli (xogħol part-time, xogħol temporanju, eċċ.); billi, għalkemm ix-xogħol f'setturi ddominati sew min-nisa huwa essenzjali u ta' valur soċjoekonomiku għoli, dan jiġi sikwit sottovalutat u huwa mħallas anqas mix-

xogħol f'setturi ddominati mill-irġiel; billi hemm ħtieġa urġenti li tiġi vvalutata mill-ġdid l-adegwatezza tal-pagi fis-setturi ddominati min-nisa fir-rigward tal-valur soċjali u ekonomiku tagħhom u li jsir progress fil-pagi minimi, l-introjtu minimu u t-trasparenza fil-pagi fir-regolamenti tal-UE; billi n-nisa jiffaċċjaw diskriminazzjoni fit-tqala u fil-maternità kif ukoll irtirar bikri mis-suq tax-xogħol minħabba responsabbiltajiet ta' kura u l-impatt tas-sintomi tal-menopawża fuq is-saħħa jew iċ-ċirkostanzi soċjali tagħhom; billi 20,7 % biss tan-nisa b'diżabbiltà fl-UE għandhom impjieg full-time[1d]; billi l-probabbiltà li n-nisa trans jkunu qiegħda hija tliet darbiet aktar mill-medja tal-popolazzjoni ġenerali;[1e]; billi n-nisa migranti, inklużi r-rifuġjati, jesperjenzaw diversi forom ta' diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-akkomodazzjoni; billi d-differenza persistenti fil-pagi bejn il-ġeneri tikkontribwixxi għal inugwaljanza ekonomika tul il-ħajja, inklużi disparitajiet fil-pensjonijiet u riskji akbar ta' faqar fost in-nisa anzjani, li jxekklu l-kompetittività fl-UE; billi din id-differenza fil-pagi hija xprunata minn fatturi bħas-segregazzjoni okkupazzjonali, differenzi fis-sigħat tax-xogħol u rappreżentanza inugwali fi rwoli b'livell għoli ta' responsabbiltà, li kollettivament ifixklu l-indipendenza ekonomika u s-sigurtà soċjali tan-nisa; billi l-indirizzar tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri huwa essenzjali biex jinkisbu swieq tax-xogħol ġusti u jitnaqqas il-faqar ibbażat fuq il-ġeneru fil-gruppi tal-etajiet kollha; billi fl-2024, in-nisa fl-UE rċevew medja ta' 26,1 % anqas introjtu mill-irġiel għall-pensjoni, u 5,3 % tan-nisa ma rċevew l-ebda pensjoni[1f]; billi dan huwa riżultat tal-iżbilanċi li jirriżultaw minn inugwaljanzi persistenti tul il-ħajja; billi din id-differenza fil-pensjonijiet tfisser li n-nisa huma aktar probabbli li jaqgħu taħt il-linja tal-faqar hekk kif jikbru, filwaqt li jitqies ukoll il-fatt li l-istennija tal-għomor tan-nisa hija itwal mill-

istennija tal-għomor tal-irġiel, u dan jaggrava l-konsegwenzi tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali; billi l-inugwaljanza fl-introjtu għadha tikkostitwixxi tħassib ewlieni fl-UE; billi, minkejja t-tkabbir ekonomiku ġenerali, il-qligħ mill-introjtu kien ta' benefiċċju sproporzjonat għal dawk li jaqilgħu l-aktar, filwaqt li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju kellhom biss titjib marġinali; billi fl-2023, il-koeffiċjent Gini għal introjtu disponibbli ugwalizzat fl-UE kien ta' 29,6 %, li jenfasizza disparitajiet persistenti fid-distribuzzjoni tal-introjtu[1g]***; billi d-differenza fil-faqar bejn il-ġeneri hija mistennija tiżdied sal-2030, peress li n-nisa se jkomplu jiffurmaw il-maġġoranza tal-persuni estremament foqra tad-dinja u d-differenza tista' tkompli tikber bid-diġitalizzazzjoni tas-swieq tax-xogħol tagħna, meta titqies id-differenza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika u d-differenza f'xi setturi tal-impjiegi, bħas-setturi tad-difiża u l-ajruspazju, tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tal-enerġija;***

[1a] ***Eurostat, Statistics Explained, "Gender statistics" (Statistika dwar il-ġeneru), aċċessat fit-23 ta' Ġunju 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Gender_statistics.***

[1b] ***Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, "Roma in 10 European countries" (Ir-Rom f'10 pajjiżi Ewropej, 2022, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2022-roma-survey-2021-main-results2_en.pdf.***

[1c] ***Eurostat, Statistics Explained, "Gender pay gap statistics" (Statistika dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri), Data estratta f'Marzu 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Gender_pay_gap_statistics.***

[1d] ***Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà, "2023 EU Gender Equality Index: Women with disabilities still left behind" (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-UE tal-2023: In-nisa b'diżabbiltà għadhom jitħallew jibqgħu lura), 2023, https://www.edf-feph.org/2023-eu-gender-equality-index-women-with-disabilities-still-left-behind/#:~:text=22%25%20of%20women%20with%20disabilities,15%25%20of%20men%20without%20disabilities.***

[1e] ***Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, "Legal gender recognition in the EU" (Rikonoxximent Legali tal-Ġeneru fl-UE, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2020, https://commission.europa.eu/system/files/2020-09/legal_gender_recognition_in_the_eu_the_journeys_of_trans_people_towards_full_equality_sept_en.pdf.***

[1f] ***Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, Ir-Rapport tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/pension-adequacy-report-current-and-future-income-adequacy-old-age-eu_en***

[1g] ***Eurostat, Data Browser, "Living conditions in Europe - income distribution and income inequality", (Kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa - distribuzzjoni tal-introjtu u inugwaljanza fl-introjtu), https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Living_conditions_in_Europe_-_income_distribution_and_income_inequality***

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ai (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ai. billi fl-2024, in-nisa fl-UE rċevew medja ta' 26,1 % anqas introjtu mill-irġiel għall-pensjoni, u 5,3 % tan-nisa ma rċevew l-ebda pensjoni[1a]; billi dan huwa riżultat tal-iżbilanċi li jirriżultaw minn inugwaljanzi persistenti tul il-ħajja; billi din id-differenza fil-pensjonijiet tfisser li n-nisa huma aktar probabbli li jaqgħu taħt il-linja tal-faqar hekk kif jikbru, filwaqt li jitqies ukoll il-fatt li l-istennija tal-għomor tan-nisa hija itwal mill-istennija tal-għomor tal-irġiel, u dan jaggrava l-konsegwenzi tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali; billi aktar inklużjoni fis-suq tax-xogħol tul il-ħajja ta' persuna tgħin biex tonqos id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet;
	[1a] ***Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, Ir-rapport tal-2024 dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.***

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aj. billi "faqar tal-ħin" tfisser in-nuqqas ta' ħin disponibbli wara li jitnaqqas il-ħin meħtieġ għal impjieg bi ħlas u xogħol mhux imħallas (inkluż l-indukrar), studju jew ħtiġijiet bażiċi oħra tal-ħajja bħall-kura mentali u fiżika; billi l-faqar tal-ħin iċaħħad lin-nisa mill-ħin jew l-awtonomija meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, awtonomija finanzjarja, taħriġ jew aċċess

	għar-riżorsi bażiċi u s-servizzi minimi li jiggarantulhom ħajja sana u jippermettulhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-komunitajiet u s-soċjetajiet tagħhom; billi l-faqar tal-ħin jillimita l-opportunitajiet tan-nisa li jkollhom impjieg full-time fit-tul, jirrestrinġi l-potenzjal tal-qligħ tagħhom u jżid id-dipendenza tagħhom minn impjiegi b'paga baxxa jew part-time, inaqqas il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tagħhom u jkabbar id-dipendenza finanzjarja fix-xjuħija; billi dawn l-iżvantaġġi li jikkoinċidu jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tintrabat mas-sigurtà tal-introjtu u riformi komprensivi tal- politika tal-kura; billi l-indirizzar tal-faqar tal-ħin jirrikjedi rikunsiderazzjoni fundamentali ta' kif il-kura u x-xogħol domestiku jiġu organizzati, apprezzati u mqassma mill-ġdid fis-soċjetà kollha; billi hemm ħtieġa urġenti li l-ġustizzja tal-kura tintrabat mal-ġustizzja ekonomika u biex is-sistemi li jikkomodifikaw ix-xogħol jiġu kkontestati filwaqt li jinsilet il-valur mix-xogħol mhux imħallas u inviżibbli li b'mod predominanti jitwettaq min-nisa;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ak (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ak. billi n-nisa huma rappreżentati żżejjed fost dawk li jinsabu fil-faqar enerġetiku, jiddependu aktar mir-riżorsi naturali u għandhom anqas assi jew riżorsi biex jadattaw għall-impatti tat-tibdil fil-klima; billi l-kriżijiet tal-enerġija u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja, speċjalment dik relatata mal-akkomodazzjoni, inaqqsu l-kapaċità finanzjarja tan-nisa li jibnu eżistenza awtonoma, u b'hekk ikun aktar diffiċli biex in-nisa mingħajr introjtu jew b'introjtu baxx jaħarbu l-vjolenza domestika;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Al (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Al. billi l-faqar mestruwali huwa n-nuqqas ta' aċċess adegwat għal prodotti u faċilitajiet tal-iġjene mestruwali, li jaffettwa madwar 10 % tal-popolazzjoni mestruwali fl-UE, u jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi emarġinati u vulnerabbli, u jillimita l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali, edukattiva u professjonali; jisħaq li l-faqar mestruwali għadu ostaklu persistenti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE, u n-nisa u l-bniet b'introjtu baxx ħafna drabi jiġu mġiegħla jagħżlu bejn prodotti tal-iġjene mestruwali u ħtiġijiet bażiċi oħra;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Am (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Am. billi l-persuni ta' dixxendenza Afrikana jinsabu f'riskju ogħla ta' faqar, ta' esklużjoni soċjali u ta' faqar enerġetiku mill-popolazzjoni ġenerali fl-UE; billi 33 % tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana għandhom diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja; billi waħda minn kull erba' persuni ta' dixxendenza Afrikana ma ġietx aċċettata bħala kerrej minħabba l-oriġini razzjali jew etnika tagħha; billi 45 % tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana jgħixu f'akkomodazzjoni ffullata żżejjed[1a];
	[1a] ***Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, "Being Black in the EU" (Il-Ħajja ta' Persuna Sewda fl-UE, l-***

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2023-being-black_in_the_eu_en.pdf.

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa An (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	An. billi, hemm differenza fl-impjiegi ta' 24 punt perċentwali bejn il-persuni b'diżabbiltà u mingħajrha fl-UE, u differenza saħansitra akbar għan-nisa u ż-żgħażagħ b'diżabbiltà[1a]***;***

[1a] ***Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà, "EDF 7th Human Rights Report. The Right to work: The employment situation of persons with disabilities in Europe" (Is-Seba' Rapport tal-EDF dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Id-dritt għal xogħol: Is-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-persuni b'diżabbiltà fl-Ewropa), 2023, https://www.edf-feph.org/publications/human-rights-report-2023-the-right-to-work/.***

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
d) Approċċ komprensiv u integrat għall-politiki u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-objettiv tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali;	d) Approċċ komprensiv u integrat għall-politiki u għall-miżuri kontra l-faqar u l-għan tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali***, speċjalment billi jitqiesu l-oqsma tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-politika soċjali tal-UE***;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, filwaqt li tifhem id-dimensjonijiet tal-ġeneru tal-faqar u tqiegħed enfasi qawwija fuq il-faqar strutturali li jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa u l-bniet, u tapplika approċċ intersezzjonali sabiex tindirizza, b'mod partikolari, il-familji b'ġenitur wieħed – li huma fil-biċċa l-kbira mmexxija min-nisa – l-ommijiet b'introjtu baxx, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa minn gruppi razzjali, etniċi u soċjoekonomiċi emarġinati, inklużi n-nisa Rom, in-nisa migranti u n-nisa anzjani, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-individwi LGBTIQ+;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jisħaq li l-aktar politika sostenibbli għat-tnaqqis tal-faqar hija waħda li mill-bidu nett tipprevjeni li jokkorri l-faqar; jissottolinja li l-istrateġija kontra l-faqar trid tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar fost in-nisa u twettaq bidliet strutturali għan-nisa u għal dawk l-aktar f'riskju, b'enfasi fuq l-investimenti soċjali f'kura tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità għolja, l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni inklużiva, akkomodazzjoni deċenti u affordabbli, sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati, u miżuri mmirati biex jindirizzaw in-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza r-riskji relatati mal-ġeneru u r-riskji intersezzjonali tal-faqar, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu

u l-faqar tal-pensjonijiet, permezz ta' pagi minimi adegwati, introjtu minimu, protezzjoni soċjali u negozjar kollettiv; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jesploraw aktar il-potenzjal tal-iskemi ta' introjtu bażiku bħala parti minn strateġiji usa' kontra l-faqar li jqisu l-vulnerabbiltajiet soċjoekonomiċi speċifiċi tan-nisa, u jiżguraw li l-oqfsa tal-UE u l-għodod għall-ġbir tad-data (pereżempju l-Eurostat, l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika) jaqbdu aħjar l-aspetti tal-ġeneru tal-faqar u l-kawżi ewlenin tiegħu;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rabtiet strutturali bejn il-faqar u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala strateġija ewlenija għall-qerda tal-faqar, b'mod partikolari l-faqar fost in-nisa u t-tfal, filwaqt li tirrikonoxxi li l-eliminazzjoni tat-tipi kollha ta' vjolenza hija essenzjali għall-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-komunitajiet tagħhom u fl-ekonomija, li jaċċessaw l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-servizzi soċjali, u b'hekk jiksbu indipendenza finanzjarja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta lill-investiment pubbliku f'politiki li jindirizzaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jilqa' r-ratifika mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u jħeġġeġ lill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Litwanja u s-Slovakkja jtemmu b'suċċess il-proċess ta' ratifika tagħhom mingħajr aktar dewmien; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li tiggarantixxi li n-nisa li qed jesperjenzaw

	il-faqar u tipi oħra ta' vjolenza jkollhom aċċess adegwat u mingħajr kundizzjonijiet għall-postijiet ta' kenn, servizzi ta' appoġġ għas-superstiti, għajnuna legali u benesseri soċjali, irrispettivament mill-istatus ta' residenza jew migrazzjoni tagħhom;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, ***b'enfasi partikolari fuq in-nisa fis-suq tax-xogħol,*** inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti ***u trasparenti fis-setturi kollha – inklużi s-setturi ddominati min-nisa bħas-servizzi soċjali, tal-kura, tas-saħħa u s-settur tal-edukazzjoni – bl-għan li jiżguraw paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali***, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tad-differenzi fl-impjiegi, fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, u tal-faqar fost in-nisa li jaħdmu billi jipprovdu arranġamenti tax-xogħol flessibbli u servizzi ta' kura aċċessibbli u affordabbli sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nisa għal impjiegi ta' kwalità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tawtorizza l-introduzzjoni ta' politiki fuq il-post tax-xogħol li jappoġġjaw is-saħħa mestruwali – inkluż l-għażla ta' liv mestruwali, u akkomodazzjonijiet għall-ħaddiema li qed jesperjenzaw kundizzjonijiet speċifiċi għan-nisa, pereżempju menopawża, emigranja u endimetrijożi – u jiem liberi mħallsa għal viżti regolari tal-iskrinjar tas-sider, sabiex jiġu promossi s-saħħa u l-benesseri tan-nisa tul l-istadji kollha tal-**

ħajja;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar li l-faqar għadu jitkejjel abbażi tal-introjtu akkumulat tal-unità domestika, anki jekk mhux il-membri kollha tal-unità domestika jaqilgħu l-istess jew iqassmu r-riżorsi b'mod indaqs; jappella għal drittijiet individwalizzati u kalkoli bbażati fuq l-introjtu individwali sabiex tiġi miġġielda l-firxa vera tal-faqar tan-nisa u biex il-faqar tal-ħin jiġi inkluż bħala miżura;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati l-opportunitajiet ta' intraprenditorija u ta' impjieg indipendenti għan-nisa, b'mod partikolari f'żoni rurali, insulari u żoni oħra ġeografikament remoti, bħala mezz biex jinkisbu inklużjoni ekonomika aħjar u ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi miġġieled il-faqar, jinħolqu impjiegi lokali u jitrawwem żvilupp ekonomiku inklużiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ immirat għall-intraprendituri nisa permezz ta' aċċess imtejjeb għall-finanzjament, taħriġ fin-negozju, għodod u swieq diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politiki li jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għal impjiegi ta' kwalità u perkorsi intraprenditorjali, permezz ta' inċentivi għall-kumpaniji biex jimpjegaw u jippromwovu n-nisa, b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom, u biex

jipprovdu arranġamenti tax-xogħol flessibbli;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja fl-istrateġija kontra l-faqar, b'enfasi fuq l-edukazzjoni inklużiva u r-riintegrazzjoni ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola; jirrakkomanda l-espansjoni tal-programmi tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-investiment fl-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor; jenfasizza l-ħtieġa li l-istrateġija kontra l-faqar tintrabat ma' programmi inklużivi ta' edukazzjoni, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet, kif ukoll l-involviment ċiviku, maħsub speċifikament għall-gruppi vulnerabbli, nisa u bniet, persuni qiegħda fit-tul, ġenituri waħedhom u persuni li jitilqu kmieni mill-iskola; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-distakk diġitali għan-nisa u l-bniet fil-faqar billi jiżguraw aċċess għall-internet affordabbli, taħriġ fil-ħiliet diġitali u aċċess online għas-servizzi pubbliċi, b'enfasi fuq il-komunitajiet rurali u emarġinati;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, u jagħmilhom aktar vulnerabbli għall-problemi ta' saħħa, il-faqar enerġetiku, l-insigurtà tal-akkomodazzjoni u l-ispostament furzat;

jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' azzjoni klimatika reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jiġi evitat li n-nisa u l-bniet jispiċċaw f'aktar faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-attivitajiet l-oħra għat-tħejjija tal-integrazzjoni jkunu inklużivi u jqisu l-vulnerabbiltajiet u l-kapaċitajiet speċifiċi tan-nisa u tal-bniet, inkluż permezz tal-investimenti f'edukazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, aċċess għall-kura tas-saħħa u reżiljenza ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija kontra l-faqar tikkontribwixxi biex tindirizza l-impatt sproporzjonat tat-tibdil tal-klima fuq il-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u tiggarantixxi li jiġu inklużi fit-tranżizzjoni ekoloġika; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament adegwat biex jiġi indirizzat il-faqar klimatiku, b'enfasi fuq l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027, ħalli jiġi żgurat li l-persuni li qed jgħixu fil-faqar jirċievu appoġġ adegwat matul it-tranżizzjoni ekoloġika;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali;	6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet ***ċivili,*** politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; ***jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-ostakli strutturali jew sistemiċi għall-ħruġ mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali u għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà, kemm jekk dawn l-ostakli jinsabu fis-sistemi legali jew fil-***

politiki pubbliċi tagħhom jew fl-implimentazzjoni tagħhom fil-livell territorjali;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, ***mingħajr ħlas*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u ***l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment***;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, ***affordabbli*** u ta' kwalità għolja, meta jitqies il-kontribut tagħhom biex jitkissru ċ-ċikli tal-faqar ***u jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri***, b'mod partikolari f'oqsma bħall-edukazzjoni ***bikrija tat-tfal bi pjanijiet personalizzati ta' appoġġ edukattiv għall-ġenituri żgħażagħ – b'mod partikolari l-ommijiet – servizzi ta' kura tat-tfal u ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli – fuq kollox għall-persuni b'diżabbiltà*** – kura tas-saħħa **–** ***inkluża mediċina mingħajr ħlas għat-tfal***, ***kura dentali affordabbli, appoġġ aċċessibbli għas-saħħa mentali, u aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet relatati, inkluż għal servizzi ta' informazzjoni dwar l-ippjanar tal-familja, għal kontraċezzjoni moderna affordabbli u għal kura sikura u legali f'każ ta' abort*** **–** protezzjoni soċjali, u aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti ***u affordabbli***, ilma u sanità, enerġija, trasport, ***attivitajiet rikreattivi u soċjali, u aċċess diġitali biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol mill-bogħod, pereżempju għan-nisa b'responsabbiltajiet ta' kura; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fondi adegwati fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni nazzjonali jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja ugwali għall-ġeneru sabiex jiġi indirizzat il-faqar edukattiv, li sikwit jaffettwa l-opportunitajiet tan-nisa u l-ħila tagħhom li jtejbu l-benesseri soċjali u**

l-indipendenza ekonomika tagħhom, inkluż permezz tal-litteriżmu finanzjarju u bankarju; jappella għal sforzi aċċelerati ġodda biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u biex jiżdied l-investiment fis-servizzi pubbliċi u fl-infrastruttura soċjali li huma essenzjali kemm għall-appoġġ tal-familja kif ukoll għall-indipendenza ekonomika tan-nisa u jappella għal impenn biex isir progress lejn is-soċjetajiet tal-kura;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw il-forniment ta' servizzi essenzjali, affordabbli u inklużivi għal kulħadd, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni u l-ħtiġijiet tan-nisa u tal-gruppi vulnerabbli;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa u li dawn isiru aċċessibbli, affordabbli u inklużivi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu li ż-żgħażagħ kollha – b'mod partikolari l-bniet u ż-żgħażagħ LGBTIQ+, b'mod partikolari dawk f'żoni rurali u dawk milquta minn introjtu baxx jew emarġinati għal raġunijiet oħra – ikollhom aċċess għas-servizzi u l-informazzjoni adattati għaż-żgħażagħ rigward is-saħħa sesswali u riproduttiva u

d-drittijiet relatati (SRHR) – inkluża edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet xierqa għall-età tagħhom, informazzjoni dwar l-ippjanar tal-familja, u servizzi ta' konsulenza fl-iskejjel u f'ambjenti bbażati fil-komunità – prodotti ta' kontraċezzjoni u mestruwali affordabbli u kura tal-abort li tkun sikura u legali, bħala parti minn strateġija kontra l-faqar li tkun inklużiva u sensittiva għall-ġeneru ;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jafferma mill-ġdid li l-SRHR komprensivi, inkluż l-aċċess għall-kontraċezzjoni, kura qabel it-twelid/tal-omm, abort sikur, servizzi tal-fertilità u edukazzjoni dwar is-sesswalità xierqa għall-età huma komponenti essenzjali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tnaqqis tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-SRHR bħala pilastru ewlieni fl-istrateġiji kollha għall-faqar fost in-nisa u l-bniet;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' approċċi ta' kura bbażati fil-komunità li jkunu parteċipattivi, b'għeruq lokali u mfassla b'kontribut dirett minn dawk milquta mill-faqar, biex jiġi żgurat li s-servizzi, l-ispazji u l-mekkaniżmi ta' appoġġ jirriflettu l-ħtiġijiet u r-realtajiet attwali tal-persuni li jaqdu; jenfasizza l-importanza li n-nisa u l-komunitajiet emarġinati jiġu involuti fl-ippjanar u t-

tfassil ta' tali spazji, biex jiġi żgurat li jkunu sikuri, inklużivi u reattivi għall-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu d-dritt tal-individwi kollha, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, li jiġu infurmati kif xieraq dwar il-firxa sħiħa ta' servizzi pubbliċi u appoġġ soċjali disponibbli għalihom, inkluż fl-oqsma tal-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjieg u l-protezzjoni minn vjolenza abbażi tal-ġeneru; jisħaq li l-informazzjoni trid tkun ċara, xierqa mill-aspett kulturali u lingwistiku u tixxerred b'mod proattiv;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-isfidi u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa mingħajr dar, u tirrikonoxxi li n-nisa mingħajr dar ħafna drabi jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar b'mod differenti mill-irġiel, ikunu f'riskju akbar għall-vjolenza, għall-attakk sesswali u għat-traffikar, kif ukoll tħassib tas-saħħa speċifiku relatat mas-saħħa u l-iġjene riproduttiva; jissottolinja li l-akkomodazzjoni deċenti u affordabbli hija dritt fundamentali u prekundizzjoni għat-tgawdija ta' drittijiet fundamentali oħra; jisħaq li l-istrateġija kontra l-faqar trid tinkludi taqsima ddedikata dwar il-ġlieda

kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, filwaqt li tirrikonoxxi din il-kundizzjoni bħala waħda mill-aktar forom severi u viżibbli ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjonijiet relatati mal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar (EPOCH) billi żżid il-finanzjament tagħha kemm għall-attivitajiet kif ukoll għall-governanza u tespandi t-tliet flussi ta' ħidma tagħha b'rabta mal-monitoraġġ, it-tagħlim reċiproku u l-aċċess għall-fondi tal-UE, b'enfasi partikolari fuq in-nisa mingħajr dar ; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu l-mudell "L-Akkomodazzjoni l-Ewwel" reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fl-istrateġiji nazzjonali dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, li jagħtu prijorità lin-nisa li jaħarbu minn vjolenza abbażi tal-ġeneru, lin-nisa migranti, lin-nisa razzjalizzati, lill-ommijiet waħedhom u lin-nisa b'diżabbiltà u lin-nisa li jgħixu f'żoni rurali, kif ukoll lill-persuni LGBTIQ+, f'konformità mal-EPOCH; jappella għal aċċess inklużiv għas-servizzi essenzjali, protezzjoni soċjali u akkomodazzjoni għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, irrispettivament mill-istatus legali; jenfasizza l-ħtieġa ta' servizzi ta' appoġġ sensittivi għall-kulturi u multilingwi, b'mod partikolari f'reġjuni urbani u tal-fruntiera; jistieden lill-Kummissjoni timmobilizza l-fondi tal-UE fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027 (pereżempju FSE+, FEŻR, InvestEU) biex tiġġieled il-privazzjoni materjali severa u tappoġġja akkomodazzjoni affordabbli speċifikament għan-nisa li jinsabu f'kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, bħala miżura ta' konverġenza mal-istrateġija Ewropea għall-kura u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà tal-persuni mingħajr akkomodazzjoni adegwata, is-superstiti ta' traffikar ta' bnedmin u l-persuni li jużaw id-droga, li ħafna drabi jiffaċċjaw forom multipli u interkroċjati ta' diskriminazzjoni u esklużjoni, li t-tnejn jirriżultaw mill-faqar u jsaħħuh; jissottolinja li n-nisa u l-minoranzi tal-ġeneru f'dawn il-gruppi huma esposti b'mod sproporzjonat għal vjolenza abbażi tal-ġeneru, sfruttament, stigma u ostakli fl-aċċess għal servizzi essenzjali, li jkompli japprofondixxi l-emarġinazzjoni soċjoekonomika tagħhom;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati, effettivi u effiċjenti biex ineħħu l-ostakli li jfixklu l-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali f'żoni vulnerabbli – b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom fir-reġjuni rurali u remoti, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi – peress li tali ostakli huma fatturi ewlenin tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jappella biex f'dawn iż-żoni jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja fl-oqsma tal-kura, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-enerġija, b'attenzjoni partikolari għaż-żoni f'riskju ta' depopolazzjoni;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jitlob l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri legali vinkolanti li jipprevjenu d-diskriminazzjoni finanzjarja kontra individwi bi storja ta' mard – inklużi superstiti tal-kanċer u persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali – b'attenzjoni partikolari għan-nisa, li sikwit jiffaċċjaw vulnerabbiltajiet soċjoekonomiċi intersezzjonali; jisħaq fuq l-importanza tad-"dritt li persuna tkun minsija" f'dan il-kuntest, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi finanzjarji bħall-assigurazzjoni u l-kreditu, kif ukoll għall-akkomodazzjoni, mingħajr ma tiġi ppenalizzata għall-kundizzjonijiet mediċi li kellha fil-passat, biex jiġu żgurati r-riintegrazzjoni soċjoekonomika u t-tnaqqis fir-riskju tal-faqar; jenfasizza l-potenzjal ta' approċċi ta' bbaġitjar personali, fejn l-individwi jirċievu riżorsi finanzjarji diretti biex jonfquhom skont il-ħtiġijiet tagħhom, ħalli jiġu promossi l-awtonomija u d-dinjità, u biex jiġi adattat aħjar l-appoġġ fil-kuntest tal-isforzi kontra l-faqar;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri kollha jimplimentaw malajr u bis-sħiħ id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi sabiex jiġu indirizzati l-aspetti essenzjali tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fis-setturi, u l-kumpaniji jkunu jeħtieġu jippubblikaw l-analiżijiet tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u jwettqu kampanji ta' informazzjoni u taħriġ dwar il-preġudizzju u l-isterjotipi inkonsapevoli;

	jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu d-disparitajiet reġjonali u jiżguraw li tali miżuri jkunu mfassla biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni fejn id-disparitajiet bejn il-ġeneri u l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol huma l-aktar evidenti; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tindirizza l-kwistjoni tas-sottovalutazzjoni strutturali tax-xogħol f'setturi ddominati min-nisa u tiżgura paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali billi tivvaluta mill-ġdid il-valur tax-xogħol f'oqsma ta' impjieg tipikament iddominati min-nisa bħas-servizzi soċjali, tal-kura u tas-saħħa, u l-edukazzjoni, permezz ta' għodod ta' evalwazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru żviluppati u applikati biex tiġi stabbilita skema ta' remunerazzjoni aħjar u aktar ġusta;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jitlob biex isiru sforzi aċċellerati ġodda biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u biex jiżdied l-investiment fis-servizzi pubbliċi u fl-infrastruttura soċjali u jappella għal impenn biex isir progress lejn is-soċjetajiet tal-kura;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa akbar fl-età li jgħixu fil-faqar fil-qafas tal-istrateġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri

	jiżviluppaw azzjonijiet immirati ħalli jiġu żgurati livelli tal-pensjoni adegwati, inkluż indiċjar awtomatiku għall-inflazzjoni;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;	10. ***Jisħaq li l-maġġoranza tax-xogħol tal-kura mhux imħallas għadu jsir biss min-nisa u li dan għandu konsegwenzi negattivi fuq id-differenza okkupazzjonali bejn il-ġeneri u l-indipendenza ekonomika; jenfasizza li sabiex tiġi indirizzata n-natura kumplessa tal-faqar tan-nisa huwa meħtieġ li tinbidel id-diviżjoni tax-xogħol u li jingħataw inċentivi lin-nisa u lill-irġiel biex jippromwovu l-kondiviżjoni aktar ġusta ta' xogħol ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallsin, u biex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-riintegrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol sabiex jinkiseb il-mudell ta' ekwità f'termini ta' qligħ u ta' responsabbiltà ta' kura fis-soċjetà;*** jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***u arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inkluż id-dritt għax-xogħol mill-bogħod***, li jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità, ***inkluż billi jipprovdu kura tat-tfal ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli,*** u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ u ***l-kura tat-trabi*** fuq il-post tax-xogħol; ***jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jippromwovu politiki aċċessibbli u kkumpensati b'mod adegwat dwar il-liv tal-paternità, inkluż iż-żieda fil-liv statutorju tal-paternità tal-missirijiet u l-allowances tal-ġenituri u l-offerta ta' liv mhux trasferibbli għall-missirijiet jew għall-ġenitur l-ieħor, sabiex tiġi promossa***

	l-kondiviżjoni vera tar-responsabbiltajiet ta' kura, biex b'hekk il-pożizzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tkun tista' tissaħħaħ u l-ġenitur l-ieħor ikun jista' jistabbilixxi rabtiet b'saħħithom mat-tfal tiegħu u jieħu l-ħin liberu meħtieġ biex jappoġġja l-iżvilupp bikri tat-tfal u l-benesseri tal-familja, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-"faqar tal-ħin" tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza s-sottovalutazzjoni sistematika tax-xogħol imwettaq fis-setturi ddominati min-nisa, bħas-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-kura u s-settur tal-edukazzjoni, li twassal għall-faqar fost dawk li jaħdmu, u taħdem mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali biex jiġu żviluppati għodod u kriterji ta' evalwazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru li jippermettu definizzjoni u tqabbil fl-UE kollha tal-"valur tax-xogħol", bl-għan ta' valutazzjoni u remunerazzjoni aktar ġusti tax-xogħol imwettaq f'setturi ddominati min-nisa;

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw sistemi nazzjonali ġusti u effettivi tat-tassazzjoni tal-ġid, bl-għan li titnaqqas l-

inugwaljanza u jiġi żgurat li dawk bl-akbar mezzi jikkontribwixxu b'mod ġust għall-finanzjament tal-beni pubbliċi; ifakkar li istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi enfasizzaw it-tassazzjoni fuq il-ġid bħala għodda utli biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu u jissaħħu l-finanzi pubbliċi;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju komprensiv dwar l-effetti tat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol, inkluż esperjenzi minn proġetti pilota bħall-ġimgħa tax-xogħol ta' erbat ijiem fir-Renju Unit, li wriet eżiti pożittivi għas-saħħa u l-benesseri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-produttività tal-ħaddiema; jirrikonoxxi s-suċċess ta' pajjiżi differenti li ppruvaw it-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u jħeġġeġ lill-Istati Membri jesploraw u jappoġġjaw inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu s-sigħat tax-xogħol mingħajr telf tal-pagi, bħala mezz biex jitnaqqas il-faqar, tissaħħaħ id-demokrazija, jiġu promossi l-impjiegi ta' kwalità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u saħħa mentali u fiżika aħjar;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jenfasizza d-diżinċentivi ekonomiċi għall-maternità li jiffaċċjaw ħafna nisa fl-UE; jappella għal politiki tal-familja komprensivi li jappoġġjaw it-

trobbija mingħajr penali finanzjarji fit-tul, speċjalment fir-rigward ta' interruzzjonijiet fil-karriera u d-differenzi fil-pensjonijiet;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjan ta' azzjoni Ewropew iddedikat għan-nisa anzjani, inklużi miżuri li jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet, l-aċċess prijoritarju għas-servizzi soċjali u tal-kura fid-dar, l-opportunitajiet ta' taħriġ kontinwu u l-iskemi ta' impjieg part-time biex jiġu miġġielda l-iżolament u l-faqar fix-xjuħija;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10f. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġija komprensiva dwar is-saħħa mestruwali fl-UE kollha biex jiġi miġġieled il-faqar mestruwali; jemmen li s-saħħa u l-iġjene mestruwali jridu jiġu integrati espliċitament fil-politiki nazzjonali u fil-livell tal-UE dwar is-saħħa pubblika u kontra l-faqar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-inklużjoni tal-edukazzjoni mestruwali u l-forniment ta' prodotti sanitarji permezz ta' politiki tas-saħħa u soċjali olistiċi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, b'mod partikolari għan-nisa li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u għan-nisa minn gruppi vulnerabbli bħal dawk bi

sfond ta' migrazzjoni u l-applikanti għall-ażil; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jawtorizzaw il-forniment ta' prodotti mestruwali mingħajr ħlas fl-iskejjel pubbliċi u fl-universitajiet, fil-binjiet tal-gvern, fil-postijiet ta' kenn, fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fiċ-ċentri li jappoġġjaw lin-nisa u l-bniet emarġinati, bl-għan li jiġi miġġieled il-faqar mestruwali; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jeliminaw il-VAT u taxxi indiretti oħra fuq prodotti tal-iġjene mestruwali f'konformità mal-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għall-kura tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika li jkunu aċċessibbli u ta' kwalità;	11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għall-kura tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika li jkunu affordabbli u ta' kwalità għolja, ***kif ukoll kura tal-anzjani u kura għall-persuni b'diżabbiltà, biex jitnaqqas l-għadd sproporzjonat ta' nisa li jieħdu rwoli ta' kura mhux imħallsa, li jillimita l-abbiltà tagħhom li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jaqilgħu l-għajxien***;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni li tħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri legali vinkolanti biex isir progress fl-isforzi għat-tnaqqis tal-faqar billi jindirizzaw id-diskriminazzjoni finanzjarja li jiffaċċjaw in-nisa li xi darba kienu morda, inklużi s-superstiti tal-kanċer u n-nisa

	b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, abbażi tal-prinċipju tad-dritt li jintesew, sabiex tiġi żgurata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u jitnaqqas ir-riskju tagħhom ta' faqar, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni soċjoekonomika intersezzjonali;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u ***n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu*** li l-***persuni*** akbar fl-età, il-***persuni*** b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-***migranti*** huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u ***jadottaw approċċ ibbażat fuq il-ġeneru u intersezzjonali fl-istrateġiji kontra l-faqar, filwaqt li jirrikonoxxu*** li ***n-nisa anzjani, in-nisa*** b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, ***li huma fil-biċċa l-kbira mmexxija minn nisa, nisa minn minoranzi*** razzjali u etniċi, ***nisa migranti, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru,*** u ***individwi LGTBIQ+*** huma gruppi li huma aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali ***minn oħrajn***;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri diżaggregati biex jitnaqqas il-faqar fost in-nisa l-aktar emarġinati, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-miri skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u biex tissorvelja l-progress skont l-indikaturi intersezzjonali;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jirrimarka li l-faqar fost in-nisa joħloq il-faqar fost it-tfal u li huwa essenzjali li dan jiġi indirizzat biex jitkisser iċ-ċiklu interġenerazzjonali tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu l-introduzzjoni jew it-tisħiħ tal-benefiċċji tat-tfal universali bħala strument ewlieni biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal, jiġu appoġġjati l-familji u tiġi promossa distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-iżvilupp ta' status speċifiku għall-familji b'ġenitur wieħed, li huma mmexxija b'mod sproporzjonat minn ommijiet waħedhom, li sikwit ikunu saħansitra minorenni huma stess;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprijoritizzaw it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, filwaqt li jinnotaw li madwar wieħed minn kull erbat itfal fl-UE jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; jirrikonoxxi li l-faqar fost it-tfal huwa marbut mill-qrib mas-sitwazzjoni ekonomika ta' ommijiethom, li ħafna drabi jiffaċċjaw riskji ogħla ta' faqar minħabba d-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, impjieg prekarju u responsabbiltajiet tal-indukrar sproporzjonati[1a]***;***

[1a] ***Eurostat, Statistics Explained, "Children at risk of poverty or social exclusion" (Tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali). Data estratta fis-7 ta' Mejju 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Children_at_risk_of_poverty_or_social_exclusion.***

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13d. Jirrikonoxxi r-responsabbiltà tal-UE għall-kompitu li tindirizza u telimina t-traffikar tal-bnedmin, li għandu dimensjoni transfruntiera u bbażata fuq il-ġeneru, peress li n-nisa fil-faqar huma esposti b'mod sproporzjonat għar-riskju ta' sfruttament sesswali kif ukoll għall-isfruttament tal-ħaddiema; billi l-isfruttament tal-ħaddiema jista' jikkonsisti f'sigħat tax-xogħol eċċessivi, ambjenti tax-xogħol mhux sikuri jew mhux tajbin għas-saħħa u ċaħda tad-drittijiet tal-ħaddiema bħal liv minħabba mard u d-dritt għall-organizzazzjoni jew strajk, li jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema nisa f'setturi orjentati lejn l-esportazzjoni;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13e. Jissottolinja li n-nuqqas ta' rotot tal-migrazzjoni sikuri u legali attwalment disponibbli, minbarra l-politika tal-migrazzjoni li qed issir aktar stringenti u li tikkontribwixxi għal Fortizza Ewropa,

	huwa kawża ta' emarġinazzjoni u prekarjetà fost il-persuni migranti, speċjalment in-nisa u t-tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw rotot tal-migrazzjoni sikuri u legali u forniment xieraq tas-servizzi soċjali lill-persuni kollha inkluż in-nisa u t-tfal, irrispettivament mill-istatus tal-migrazzjoni tagħhom;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ ***għall-benesseri soċjoekonomiku u emozzjonali*** tal-familji, ***b'mod partikolari għall-ommijiet waħedhom***, u għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi ta' appoġġ tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali***, u billi jipprovdu opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fl-isport, programmi edukattivi u ta' taħriġ ta' kwalità għolja, u attivitajiet kulturali u rikreattivi, filwaqt li jiżguraw li dawn is-servizzi jkunu sensittivi għall-ġeneru***;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iħeġġeġ biex il-konferenza tindirizza espliċitament id-dimensjonijiet tal-faqar relatati mal-ġeneru, inkluż il-faqar mestruwali;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kumitat ta' persuni li jinsabu fil-faqar, li jkun jinkludi persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, b'mod partikolari n-nisa, persuni LGBTIQ+ u persuni emarġinati oħra, b'mandat biex jikkontribwixxi għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-istrateġija; jirrikonoxxi li l-komunitajiet milquta b'mod dirett mill-faqar jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jinfurmaw il-politiki li jħallu impatt fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-parteċipazzjoni tal-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar tkun sinifikattiva, inkluż billi jingħataw kumpens finanzjarju adegwat u l-għodod tal-appoġġ meħtieġa bħal interpretazzjoni u formats aċċessibbli;

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp ta' ħidma speċjali li jkun jinkludi persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, akkademiċi, rappreżentanti tal-Eurostat, tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, tal-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri, dawk li jfasslu l-politika u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u operaturi li jaħdmu fis-servizzi essenzjali;

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi taqsima mmirata fl-istrateġija li tħeġġeġ lill-Istati Membri jħassru l-liġijiet u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jikkriminalizzaw l-attivitajiet ta' sopravivenza fl-ispazji pubbliċi, inkluż liġijiet maħsuba għat-tallaba, l-irqad fuq barra, attivitajiet ekonomiċi informali u forom oħra ta' xogħol ta' sussistenza;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali jwettqu riċerka fl-UE kollha dwar l-aspetti intersezzjonali tal-faqar;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija ta' traċċar intersezzjonali għall-impatt tat-tnaqqis tal-faqar u tiżviluppa miri diżaggregati bl-għan li jitnaqqas il-faqar fost in-nisa l-aktar emarġinati, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u mal-miri skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jisħaq li l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-istrateġija jirrikjedu l-ġbir u l-użu sistematiku ta' data diżaggregata; jistieden lill-Kummissjoni terġa' toħroġ linji gwida dwar l-ugwaljanza fil-ġbir ta' data biex l-Istati Membri jingħataw is-setgħa jiġbru data diżaggregata, inkluż skont l-oriġini razzjali jew etnika, il-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà u l-istatus tal-migrazzjoni, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u l-istandards tal-protezzjoni tad-data, biex tidentifika u tindirizza b'mod preċiż iż-żoni ta' faqar u esklużjoni, tiżvela l-inugwaljanzi strutturali u tinfluwenza r-risposni tal-politika bbażata fuq l-evidenza fil-livelli kollha tal-gvern;

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt ex ante;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt ex ante, ***b'enfasi partikolari fuq il-vulnerabbiltà sproporzjonata tan-nisa għall-faqar u d-disparitajiet reġjonali***;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-

Sessi fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu sistemi tat-tassazzjoni ġusti, ridistributtivi u progressivi, u jiżguraw li l-baġits pubbliċi jkunu mgħammra biżżejjed biex jiffinanzjaw il-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi u jindirizzaw id-distribuzzjoni inugwali tal-ġid u r-riżorsi; jissottolinja li l-ġustizzja tat-taxxa hija essenzjali biex jinżammu l-koeżjoni soċjali u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-proċess tas-Semestru Ewropew billi tintroduċi rakkomandazzjonijiet aktar robusti u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, lil hinn mill-indikaturi attwalment limitati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, biex jiġu identifikati aħjar l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiġu indirizzati r-rabtiet strutturali bejn il-faqar u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;	22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar; ***jisħaq li l-FSE+ għandu jinżamm bħala fond separat fil-QFP ta' wara l-2027, peress li l-fond huwa essenzjali biex jittejbu s-servizzi soċjali aċċessibbli, affordabbli u adattabbli għall-gruppi vulnerabbli kollha, speċjalment in-nisa u l-bniet b'diżabbiltà;***

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22 a. Jissottolinja li, bħala obbligu li jirriżulta mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, l-UE jeħtiġilha tissimplifika l-azzjonijiet biex jiġu appoġġjati l-gruppi vulnerabbli f'riskju ogħla ta' faqar, bħal persuni b'diżabbiltà fil-programmi kollha tal-QFP wara l-2027; iqis li huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà, speċjalment in-nisa u l-bniet, ikollhom aċċess ekwu għall-programmi kollha ffinanzjati mill-UE, f'konformità mal-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija biex issegwi l-infiq li jkun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, u tivverifika li l-programmi u l-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE jiggarantixxu opportunitajiet indaqs bejn il-ġeneri u aċċess għall-finanzjament tal-UE għall-persuni b'diżabbiltà;

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza l-ħtieġa ta' bbaġitjar skont il-ġeneru u data diżaggregata skont il-ġeneru fit-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE Kontra l-Faqar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi speċifiċi biex tissorvelja l-aċċess għal prodotti mestruwali u għas-servizzi SRHR, u tiżgura li l-fondi tal-UE jnaqqsu biċ-ċar id-dimensjonijiet tal-faqar relatati mal-ġeneru;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Make Mothers Matter (MMM)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	13.10.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 26 - : 8 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Chiara Gemma, Fernand Kartheiser, Arba Kokalari, Elena Kountoura, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Carolina Morace, Maria Noichl, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Marko Vešligaj, Maria Walsh, Lucia Yar
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Christine Anderson, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Paulo Do Nascimento Cabral, Elisabeth Grossmann, Billy Kelleher, Katrin Langensiepen, Manuela Ripa, Beatrice Timgren, Marianne Vind
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Peter Agius, Daniel Caspary

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

26	+
PPE	Agius Peter, Caspary Daniel, Do Nascimento Cabral Paulo, Kokalari Arba, Meleti Eleonora, Pietikäinen Sirpa, Princi Giusi, Ripa Manuela, Walsh Maria
Renew	Cifrová Ostrihonová Veronika, Devaux Valérie, Kelleher Billy, Yar Lucia
S&D	Fritzon Heléne, Gálvez Lina, Grossmann Elisabeth, Noichl Maria, Rafowicz Emma, Scheuring-Wielgus Joanna, Vesligaj Marko, Vind Marianne
The Left	Kountoura Elena, Morace Carolina
Verts/ALE	Geese Alexandra, Langensiepen Katrin, Scuderi Benedetta

8	-
ECR	Gemma Chiara, Timgren Beatrice, Trochu Laurence
ESN	Anderson Christine
NI	Kartheiser Fernand, Lassáková Judita
PfE	Kruis Sebastian, de la Pisa Carrión Margarita

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet